MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru 761/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Galea Scanura**
v

**TRISTAN FALZON**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **TRISTAN FALZON** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Carmelo u Giorgina nee Spiteri, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1982 u joqghod 64, 'Redeemer', Triq it-Tlieta w Ghoxrin ta' April, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 402382M, kien gie mressaq quddiemha nhar l-ghaxra ta’ Settembru 2003, akkuzat talli fil-wiehed u tletin ta' Awissu u/jew matul is-snin/xhur precedenti, waqt li kien fl-imsemmija residenza b'diversi azzjonijiet maghmula minnu wkoll jekk kienu fi zminijiet differenti li kienu jiksru d-disposizzjoni tal-ligi u li kienu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, kien

ikkommetta serq ta' elf lira maltin fi flus liema serq kien aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bil-persuna u dan ghad-dannu ta' missieru Carmelo Falzon.

Talli fl-istess zmien u lok bil-hsieb li jaghmel delitt, kien wera dan il-hsieb b'atti esterni u li ta bidu ghal esekuzzjoni ta' delitt li ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u liema delitt kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bil-persuna.

Talli fl-istess zmien u lok, kien xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement kien indahal b'kull mod li jkun biex jbieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti kienet semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghaxra ta' Settembru 2003, u cioe fil-jum meta kienu gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta kien sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti kienet osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti kienet wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u kienet taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti kienet ghaddiet biex taghti kaz dik l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti kienet iddikjarat li kienet qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti kien dehrilha li kellha tappunta Probation Officer sabiex thejji *pre sentencing report* fuq l-imputat u dan fis-seduta tal-ghaxra ta' Settembru 2003, sabiex tghin lil Qorti tara liema hija l-piena idoneja li ghandha tapplika u ghal dan l-ghan kienet innominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta.

Illi nhar l-hdax ta' Jannar 2004 kienet dehret il-Probation Officer Miriam Sevasta li ppresentat r-relazzjoni taghha fejn minn ezami ta' dik r-relazzjoni kien jirrizulta fil-fehma tal-Probation Officer nominata li Tristan Falzon kien trabba f'familja fejn dejjem akkwista dak li ried jew xtaq. L-omm b'mod partikolari kienet tipprotegi hafna lil binha u dan setgha halla effett negattiv fuq binha b'tali mod li ma hallitx lil binha jizviluppa b'mod matur u jitghallem ifendi ghal rasu. Kien irrizulta wkoll li l-imputat ma kellux impieg fiss, ma riedtx jaghmel programm ta' rihabilitazzjoni u ftit li xejn kellu kontroll fuqu nnifsu u anke fuq ghemilu.

Illi l-istess Probation Officer kienet stqarret li meta ghamlet kuntatt mas-Sedqa kienet giet infurmata li meta l-imsemmi kien gie avvicinat ghal programm hu kien wegibha fin-negattiv. Hija kienet issuggerit li din il-Qorti ghandha tikkunsidra sentenza fil-komunita u li tigi ndirizzata l-problema tad-droga.

Illi minn naha l-ohra, l-Qorti kienet ikkunsidrat li l-imputat kellu fedina penali netta, indellibbli, minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha. In oltre, l-imputat kellu l-eta ta' wiehed w ghoxrin sena u li kien irregistra ammissjoni fl-ewwel appuntament li nghata u li s-serq kienet wahda fil-familja tieghu stess.

Fid-dawl ta’ dak r-rapport tal-Probation Officer kien jirrizulta li l-imputat kellu bzonn il-kura u s-sorveljanza sabiex jitqieghed lura fit-triq it-tajba.

Illi l-Qorti kienet rat wkoll s-sentenza moghtija minnha stess nhar d-disgha ta’ Frar 2004 fejn iddikjarat li kienet qed ssib lil imputat TRISTAN FALZON hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess, pero minhabba r-ragunijiet specjali u straordinarji fuq imsemmija kienet hasset li kellha tapplika l-artikolu 21 u 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ghalhekk ikkundannatu ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija b'dan pero li ordnat, a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li dik il-piena ta' prigunerija ma kellhiex tibda ssehh hlief jekk matul l-perjodu ta' erbgha (4) snin mid-disgha ta’ Frar 2004, l-hati Tristan Falzon jikkommetti xi

reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kap 9 poggietu taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg bhala Ufficjal Sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-perjodu operattiv, cioe ta' erbgha (4) snin min dakinhar.

Il-Qorti kienet fissret fi kliem car lil hati kemm ir-responsabbilita tieghu taht l-artikolu 28A tal-Kap 9 jekk hu jikkommetti reat li ghalih hemm piena karcerarja matul l-perjodu operattiv, kif wkoll l-effetti ta' din l-ordni ta' supervizzjoni w ordnat li l-hati kellu jibda programm ta' disintossifikazzjoni u rihabilitazzjoni f'Centru approvat ghal dan l-ghan u jaghti kampjun tal-awrina tieghu lil Ufficjal Sorveljanti kull meta jigi hekk mitlub.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Settembru 2004 **l-Probation Officer Carmen Borg kienet iddenunzjat lil Tristan Falzon** wara li l-Gimgha, erbgha w ghoxrin ta’ Settembru 2004 kien gie mehud mill-programm ta’ rihabilitazzjoni kontra l-abbuza tad-droga f’Santa Marija ghal Facilita Korrettiva ta’ Kordin fis-sezzjoni YOURS. Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Settembru 2004 hi kienet ghamlet kuntatt ma Ray Grech, ko-ordinatur programm Santa Marija, fejn giet infurmata li Tristan Falzon ma kienx ghadu residenti fl-imsemmi programm u sostna wkoll li kien hemm xi affarijiet li hu kien qed jinvolvi ruhu fihom li jmorru kontra r-regoli tal-programm. Ray Grech infurmaha wkoll li bhala konsegwenza ta’ dan Tristan Falzon kien gie moghti l-hekk imsejjha ‘riflessjoni’, pero Tristan Falzon, kien sostna mieghu li ried jhalli l-programm minflok jiehu din l-konsegwenza. Gara pero li meta mar l-vann ghal Tristan Falzon fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, dan wera x-xewqa li jibqa fl-imsemmi programm pero Ray Grech kien infurmah li hu kien diga ha d-decizjoni li jitlaq u kellu jitlaq.

Illi a bazi ta’ dik r-rinunzja, il-Qorti appuntat dan il-kaz ghas-smiegh in sostenn tal-artikolu 28(c)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi nhar s-sebgha ta’ Frar 2005, wara hafna differimenti, kien **xehed Ray Grech** [fol 50] fejn qal li hu responsabbli

mid-Drug Rihabilitation tas-Sedqa. Qal li lil imputat kien gharfu bhala dak presenti fl-awla. Qal li l-imputat kien ghamel xi zmien jattendi s-Sedqa lejn l-ahhar tas-sena 2004 u kien hemm xi zmien meta dan beda jikkomunika ma xi residenti ohra ta' fazi differenti permezz ta' kitba. Qal li hu kien sab dawn l-ittri w ikkonfronta lil imputat bihom. Qal li ghal bidu l-imputat kien innega pero wara ammetta li kien hu u ddecida, flimkien ma xi dirigenti tal-komunita li lil imputat jqeghduh 'riflessjoni' u cioe li jinqata' minn ma shabu u jghaddi hin jirrifletti fuq dak li kien ghamel. Qal li meta kkomunikaw din d-decizjoni mieghu, l-imputat infurmahom li ma riedx jibda ighamel din r-riflessjoni u li kien lest li jitlaq minn hemmhekk. Qal li pero xi hin wara kien rega' bdielu pero hu kien infurmah li hu kien ha dik d-decizjoni w ghalhekk kellu jitlaq minn hemm u jinzel lura l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-ittri li kien sab kienu ittri t'imhabba li jmorru kontra r-regolamenti tas-Sedqa.

Nhar t-tnejn ta' Mejju 2005 l-istess **Ray Grech kien xehed** w esbixxa l-ittra 'n kwistjoni li giet mmarkata bhala dokument RG 2 [fol 61] u kopja tal-*committment* tal-imputat li gie mmarkata bhala dokument RG [fol 57]. Qal li l-imputat kien dahal maghhom fit-tletin ta' Gunju pero ma kienx f'posizzjoni jghid meta spicca ghalkemm qal li kien dam aktar minn gimghatejn maghhom.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2005 **kienet xehdet l-Probation Officer Carmen Borg** [fol 70] fejn qalet li hemm nuqqas ta' stabbilita fil-konfront tal-imputat u li mhux qed izomm kuntatt maghhom u mal-Caritas. Qalet li l-*behaviour* tal-imputat mhix tali li hu qed juri xi fiducja li ser jaghmel xi haga posittiva b'idejh. Mistoqsija jekk l-imputat jahdimx, ix-xhud kienet wiegbet li hu kien qalilha li jahdem pero qatt ma hadilha xi prova f'dan r-rigward. Mistoqsija jekk l-imputat kienx qed jaghti xi kapjuni tal-awrina, ix-xhud kienet wiegbet li f'xi zmien ilu kien halla tali mal-Caritas, pero dakinhar ma kienetx taf kif kien sejjer. Qalet li l-ahhar kuntatt li kellu mal-Caritas kien fil-wiehed u tletin ta' Awissu u dan ghaliex l-appuntament ta' qabel u cioe tat-tlieta w ghoxrin ta' Awissu, ma kienx zammu.

Nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2006 **regghet xehdet l-Probation Officer Carmen Borg** [fol 77] fejn regghet qalet li hemm nuqqas ta’ stabbilita fil-konfront tal-imputat u li mhux qed izomm l-appuntamenti mal-Caritas ghaliex, skond hu, ma kienx ihossu komdu jattendi u li kien ser jibda jattendi appuntamenti mal-agenzija Sedqa. Kompliet tghid li mill-informazzjoni li kellha fil-fatt lanqas kuntatt mal-agenzija Sedqa ma ghamel. Qalet li t-tnejn ta’ qabel kellu appuntament li ma zammux. Qalet li biex persuna tittratta ma problema ta’ droga, parti minnha tkun li tattendi l-*counselling* biex huma jkunu jistghu jaraw il-progress u stabbilita ta’ dak li jkun u meta ma jkunx hemm attendenza regolari da parti taghha, din ma tkunx haga posittiva. Qalet li hi ma kellhiex l-informazzjoni li qed taghtiha d-difiza u cioe li l-imputat kien jahdem b’mod regolari ma missieru u li meta kienet staqsiet lil imputat dwar xoghol, hu kien qalilha li kellu problema mal-familja u kien qed isibha difficili biex imur jahdem.

Ziedet tghid li hi kienet ghamlet d-denunzja fil-konfront tal-imputat peress li skond s-sentenza, hu kellu jibda programm ta’ disintossifikazzjoni f’centru approvat ghal dan l-ghan u li kellu wkoll jaghti kampjun tal-awrina tieghu lil ufficjal sorveljanti. Qalet li parti minn dan il-programm ikun *counselling* u jekk l-imputat jonqos li jaghmel dan, ma kienx ikun qed jaghmel l-programm kif suggerit mill-Qorti fis-sentenza taghha. Qalet li fil-passat, l-imputat kien residenti fil-programm.

Nhar l-ghoxrin ta’ Marzu 2006 **xehdet ghal darb’ohra l-Probation Officer Carmen Borg** [fol 77] fejn qalet li mit-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2006, l-kuntatt mal-agenzija Sedqa kien ghadu ma bediex peress li l-imputat kien jinsab fuq il-*waiting list*.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti kienet ezaminat bir-reqqa kollha s-sentenza moghtija nhar d-disgha ta’ Frar 2004 fl-ismijiet premessi [fol 27] u rat li wahda mill-kondizzjonijiet moghtija fl-ordni ta’ supervizjoni kienet li Tristan Falzon ghandu jibda programm ta’ disintossifikazzjoni u rihabilitazzjoni f’centru

approvat ghal dan l-ghan u li jaghti kampjun tal-awrina tieghu lil Ufficjal Sorveljanti kull meta jigi hekk mitlub.

Issa minn ezami tal-atti, jirrizulta li effettivament l-imputat beda l-kors ta’ rihabilitazzjoni mal-agenzjija Sedqa fil-hmistax ta’ Gunju 2005 u meta beda dan il-programm, nhar t-tletin ta’ Gunju 2004, kien iffirma *committment* ma l-istess agenzija li jinsab esibit a fol 57 tal-atti markat bhala dokument RG 1. Jirrizulta minn ezami tal-istess li fost l-kundizzjonijiet imsemmija f’dan il-*committment* [Reg. No 15], l-imputat ma setghax jircievi posta jew jikteb lil xi hadd minghajr l-permess tal-istaff u dan wara li jkun ilu xahar fil-komunita.

Issa, skond x-xhieda ta’ Ray Grech, l-imputat kien ircieva korrispondenza u kiteb korrispondenza lil persuna ohra u qalilha li kien qed jaghmel l-programm ghaliha, fost affarijiet ohra u minhabba f’dan l-atteggjament irresponsabbli tal-imputat dan kien gie mwaqqaf milli jkompli jsegwi l-programm.

Illi sussegwentement, l-imputat kien gie mitkellem mill-Ufficjal Sorveljanti u baqa’ maghha li kien ser jibda kors iehor mal-Caritas u kellu jkompli jaghti kampjun tal-awrina tieghu, izda dan nonostante, l-imputat ma kien ghamel xejn minn dan, anzi, skond x-xhieda ta’ Carmen Borg, l-imputat ma kienx qed jikkopera maghha u lanqas kuntatt mal-agenzija Sedqa ma kien ghamel, kif wkoll baqa ma jzommx kuntatt maghhom [vide xhieda ta’ Carmen Borg tat-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2006 a fol 77].

Illi d-difiza kienet sostniet li l-imputat gie mwaqqaf mill-programm fuq raguni zghira u li ghalhekk l-imputat ma baqax fil-programm mhux b’kapricc, izda ghaliex gie mwaqqaf.

Illi bir-rispett kollu, din il-Qorti ma kienetx qablet ma dawn r-ragunijiet tad-difiza u dan ghaliex l-imputat gie mwaqqaf mill-programm minhabba li naqas li josserva l-*committal* tieghu.

Izda din ma kienetx l-unika raguni l'ghaliex l-Ufficjal Sorveljanti ghamlet d-denunzja taghha, izda kif fuq spjegat, l' ghaliex l-imputat m'ghamel ebda tentattiv biex jibda programm iehor, waqqaf l-kuntatt li kellu maghha w in oltre ma baqax jaghti l-kampjun tal-awrina tieghu.

**Ghalhekk, f'dawk ic-cirkostanzi, l-Qorti, wara li kienet rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 28G(3) u 28G(9) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet iddikjarat li kienet sodisfatta li n-nuqqas imsemmi mill-Ufficjal Sorveljanti kien sehh w iddecidiet li tikkundanna lil TRISTAN FALZON ghal hlas ta' amenda ta' mitt [100] lira maltin li kellha tithallas fi zmien xahar minn dakinhar.**

**Ordnat wkoll li kopja ta' dik s-sentenza kellha tigi komunikata lid-Direttur Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti kienet fakkret lil imsemmi Tristan Falzon dwar l-kundizzjonijiet tal-ordni taghha w ordnatlu jsegwi l-istess ghaliex f'kaz li kellu jirrizulta mod iehor darb'ohra, din il-Qorti ma kienetx ser tkun klementi mieghu, jigifieri kienet ser tordna li s-sentenza sospiza tigi reza operattiva.**

**Illi nhar l-erbgha ta' Dicembru 2007, l-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato** ippresenta denunzja fil-konfront ta' Tristan Falzon fejn eccepixxa li Tristan Falzon kien naqas li jzomm ruhu f'kuntatt mieghu skond d-direttivi lilu moghtija, naqas li jzomm ruhu mpenjat f'hajja ta' bzulija, naqas li jindirizza l-problema tad-droga li kellu u dan skond d-direttivi lilu moghtija mill-Ufficjal tal-Probation u naqas li jzomm kuntatt ma centru ta' rihabilitazzjoni.

Illi fuq din l-informazzjoni, il-Qorti appuntat dan il-kaz ghas-smiegh ghat-tmintax ta' Dicembru 2007 fejn f'din is-seduta **xehed l-istess Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato** fejn qal li wara li nghatat s-sentenza fil-konfront tal-imputat nhar d-disgha ta' Awissu 2006, huwa beda jsegwih. Qal li skond s-sentenza moghtija l-imputat kellu jindirizza l-problema li ghandu t'abbuz ta' droga. Qal li sa

April 2007, l-imputat zamm kull appuntament li kellu kemm mieghu kif wkoll mal-agenzija Sedqa. Qal li bejn Mejju u Gunju 2007, huwa kien tah tlett appuntamenti ghal liema tlett appuntamenti l-imputat ma marx. Spjega li kien meta kien ser jippresenta denunzja fil-hamsa ta’ Lulju 2007, li l-imputat mar ghandu u tah appuntament iehor ghal Awissu u minn dakinhar tal-hamsa ta’ Lulju 2007 ‘l quddiem l-imputat ma regghax mar ghandu u ma sema’ xejn aktar dwaru.

Ix-xhud zied jghid li hu ghamel l-verifiki tieghu fuq Tristan Falzon biex jara jekk l-imputat kellux xi xoghol izda kkonferma li mis-sena 2000 ‘l quddiem, huwa ma kellu ebda mpjieg. Ivverifika wkoll jekk l-imputat kienx qed jattendi l-agenzija Sedqa w irrizultalu li minn Awissu 2007 ‘l quddiem, l-imputat m’attendiex s-Sedqa. Kompla jghid li fil-hdax ta’ Dicembru 2007, Tristan Falzon mar ikellmu wara li kien ircieva d-denunzja ‘n kwistjoni u qallu li kien fetah zewg kazijiet ohra fuq allegat serq minghand xiha u serq ta’ stereo. Ix-xhud kompla jghid li huwa mhux qed jara li l-imputat ghandu x-xewqa li jibda parogramm ta’ disintossifikazzjoni ghalkemm ommu qed timmotivah biex jaghmel hekk. Mistoqsi jekk inghatax spjegazzjoni ghaliex l-imputat ma marx ikellmu, x-xhud stqarr li Tristan Falzon ma kienx tah.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma thossx li ghandha taghti cans eihor lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta, li

wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha, u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu mhux wiehed genwin.

Ghalhekk il-Qorti rat s-sentenza taghha tad-disgha ta' Frar 2004 fl-istess ismijiet premessi fejn Tristan Falzon kien gie kkundannat sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin.

Rat li l-imputat kien tpogga wkoll taht s-supervizjoni t'Ufficjal Sorveljanti ghal dan l-perjodu operativ u li l-imputat kellu bhala kundizzjoni l-obbligu li jibda programm ta' disintossifikazzjoni f'centru approvat ghal dan l-ghan u li jaghti kampjun tal-awrina tieghu lil Ufficjal Sorveljanti meta hekk mitlub.

Rat li l-imputat Tristan Falzon naqas li jaghmel dan kollu u li s-sentenza sospiza ghadha wkoll in vigore, stante li l-effett taghha jiskadi fid-disgha ta' Frar 2008.

**Ghaldaqstant, permezz ta' din s-sentenza l-Qorti, wara li rat l-artikolu 28G(3) u 28G(9) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza sospiza moghtija minnha stess nhar d-disgha ta' Frar 2004 fl-ismijiet premessi tigi reza effettiva b'dan li l-imputat TRISTAN FALZON ghandu jaghmel sentejn (2) prigunerija effettiva.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------